

32000R2712

L 313/4

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

13.12.2000

**IR-REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (KE) Nru 2712/2000****tat-12 ta' Diċembru 2000****li jemenda r-Regolament (KEE) Nru 2123/89 li jstabilixxi l-lista tas-swieq rappreżentattivi tal-laħam tal-majjal fil-Komunità**

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kunsidrat it-Trattat li jstabbilixxi l-Komunitajiet Ewropej,

Wara li kunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2759/75 tad-29 ta' Ottubru 1975 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-suq tal-laħam tal-majjal <sup>(1)</sup>, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1365/2000 <sup>(2)</sup>, u b'mod partikolari l-Artikolu 4(6) ta' dan,

billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KEE) Nru 2123/89 <sup>(3)</sup>, kif emendat l-aħħar mir-Regolament (KE) Nru 1285/98 <sup>(4)</sup>, stabilixxa l-lista tas-swieq rappreżentattivi tal-laħam tal-majjal fil-Komunità.
- (2) Fl-Irlanda seħħet bidla fis-swieq rappreżentattivi. Il-lista tas-swieq rappreżentattivi tal-laħam tal-majjal fil-Komunità elenkata fl-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2123/89 għandha tiġi emendata kif ġej.

- (3) Il-miżuri previsti f'dan ir-Regolament huma skond l-opinjoni tal-Kumitat ta' Ġestjoni għall-Laħam tal-Majjal,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

*Artikolu 1*

Il-punt 7 ta' l-Anness tar-Regolament (KEE) Nru 2123/89 huwa mibdul kif ġej:

“7. Il-grupp ta' swieq li ġejjin: Rooskey, Waterford u Mitchelstown.”

*Artikolu 2*

Dan ir-Regolament għandu jidher fis-seħħ fl-1 ta' Jannar 2001.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, fit-12 ta' Diċembru 2000.

*Għall-Kummissjoni*

Franz FISCHLER

*Membru tal-Kummissjoni*

<sup>(1)</sup> ĠU L 282, ta' l-1.11.1975, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 156, tad-29.6.2000, p. 5.

<sup>(3)</sup> ĠU L 203, tal-15.7.1989, p. 23.

<sup>(4)</sup> ĠU L 178, tat-23.6.1998, p. 5.